TRIBUNAL INDUSTRIJALI

DECIZJONI NRU. 58

KAZ NRU. 67

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Edwin Zammit
u
Messrs Adelphi Hotel Ltd.

Chairman : G.A. Craig

Data : 14 ta' Novembru 1979

B'ittra tas-17 ta' Settembru, 1979, il-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura, irriferit lil dan it-Tribunal taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 28 (2) ta' l-Att Nru. XXX ta' l-1976, il-kwistjoni tax-xoghol bejn il-partijiet fuq imsemmija. Dan il-kaz huwa dwar tkeccija mill-impieg ta' Edwin Zammit mill-Messrs Adelphi Hotel Ltd, tkeccija li l-appellant jallega li kienet ingusta.

2. It-Tribunal zamm tlett seduti li fihom l-appellant deher ghalih innifsu waqt li ghal Kumpanija deher is-Sur Joseph Abela, Manager ta' l-Adelphi Hotel.

3. Fli statement of case l-appellant issottometta li hu kien fl-impieg tal-Adelphi Hotel ghal sentejn, sena u tmien xhur minnhom bhala 'dish washer' u l-ahhar erba' xhur bhala 'assistant cook' u bhala hekk il-Manager gaghlu jixtri l-uniformi minn butu, Darba l-Manager ried jerga' jibghatu 'dish washer' u hu rrifjuta li jmur u ghalhekk waqqfu mix-xoghol.

/2. ......

4. Ghall-Adelphi Hotel Ltd. is-Sur Abela issottometta li l-appellant kien gie mpjegat mal-Kumpanija bhala fattiga fil-kcina fit-23 ta' Lulju 1977. Fis-6 ta' Marzu, 1979 wara rijorganizzazzjoni l-appellant talabhom biex jibda jitharreg bhala 'assistant cook'. Ma sabux oggezzjoni ghal dan basta jibqa' jghin lill-fattiga l-iehor u sa danittant jitghallem mal-kok. Hekk sar sa dak tal-jum li gara l-incident.

5. Is-Sur Abela qal li l-appellant kellu zvantagg fix-xoghol ta' 'Assistant Cook' ghax ma kienx jaf jaqra u jikteb u ghalhekk mhux darba u tnejn ghamel zbalji ghax ma kienx jaf jaqra l-ordnijiet. B'dana kollu kienu jinkoragguh biss kellhu ta' bil-fors ikompli jitharreg u ghalhekk baqa' wkoll jaghmilha ta' fattiga minghajr oggezzjoni sat-13 t' Awissu meta ddecieda li ma riedx jahsel borom. Fuq kollox kien hemm bzonn hafna xoghol ghax kien hemm hafna nies ghall-ikel. Kien ghalhekk li hu kien ordna lill-appellant biex jahsel il-borom u dan irrifjuta. Quddiem il-fattiga siehbu (is-Shop Steward tal-Union li taghha kien membru l-appellant) u quddiem il-kok, l-appellant gie mwissi li jobdi. It-tnejn l-ohra qalulu l-istess izda l-appellant baqa' jinsisti. Minkejja l-fatt li gie mwissi li ser jitkecca u l-intervent tat-tnejn l-ohra biex jipperswaduh, l-appellant webbes rasu u ma riedx jobdi u kien ghalhekk li gie ssensjat.

6. <u>Xhieda fil-qosor</u> - L-appellant minn jeddu qal li kien minnu li hu rrifjuta jahsel il-borom dik in-nhar ta' l-incident u kien minnu wkoll li dan ghamlu ripetutament ghax hu kien qed jaghmilha ta' 'Assistant Cook' u qal ukoll 'Nammetti li rrifjutajt ix-xoghol' ghaliex hass li ma kellux jahsel il-borom. Hu kien xtara l-uniformi ghaliex il-Manager kien tah ic-'chance' li jmur 'assistant cook'. L-uniformi kienet 'T-Shirt' fardal u qalziet. Fuq kontro-ezami, x-xhud ftakar li l-Manager kien qallu li biex isir 'Assistant Cook' kellu bzonn li jaghmel it-'training'.

Alfred Zahra 'dish washer' mal-Kumpanija qal li hu qatt ma ra lill-appellant bl-uniformi kompluta u li l-appellant kien dejjem jghinu, sa dik il-gurnata ta' l-incident jigifieri fit-13 ta' Awissu, fil-hasil tal-platti u l-borom. Qatt ma sema' lill-Manager jghid lill-appellant li kien sar 'Assistant Cook' u bhala 'Shop Steward' tal-Union qatt hadd ma qallu li l-appellant kien sar 'assistant cook' u tbiddlitlu l-paga. Ftakar l-incident tat-13 ta' Awissu u qal li kemm il-Manager, kif ukoll hu stess u l-kok ippruvaw jipperswadu l-appellant biex jobdi izda dan persistentement irrifjuta li jobdi u jmur jghin jahsel il-borom.

7. Sottomissjonijiet finali. L-appellant issottometta li hu beda jahdem bhala fattiga fil-kcina, u wara zmien beda jitharreg bhala 'assistant cook' u kien xtara wkoll l-uniformi. Meta kien jispicca mix-xoghol f'dan il-post kien ta' kuljum jghin lill-fattiga fil-hasil tal-borom sa kemm jahslu kollox. Dik in-nhar ta' l-incident l-fattiga l-iehor mar jghid lill-Manager li hu ma kienx qed jghinu fil-hasil tal-borom u lilu l-Manager ma qallux li dak in-nhar kien hemm bzonn ta' ghajnuna specjali u hu stess ma nnotax ebda htiega barra mis-soltu u ma ra ebda raguni l-ghala ma kellux ikompli bix-xoghol ta' 'assistant cook' u wara li jispicca jmur bhas-soltu jghin fil-hasil. Sostna li l-Manager kien qallu "Erga mur ahsel il-platti" u hu ghalhekk kien fehmu li kien ordnat jispicca minn 'Assistant cook' u jerga' jmur fattiga bhal qabel u li kien ghalhekk li rrifjuta ghax xogholu ta' 'Assistant Cook' kien qed jaghmlu sewwa u hu mhux li jghin fil-hasil ta' borom u platti waqt it-tahrig tieghu ta' 'Assistant Cook' li rrifjuta izda li jitlaq ghal kollox mit-tahrig ta' 'assistant cook' u jmur fattiga u ghalhekk cahad l-allegazzjoni tal-Management li hu jghin fil-hasil tal-borom.

/4. .....

8. Ghal-Management is-Sur Joseph Abela ssottometta li qatt ma kien qallu biex jerga' jmur 'dish washer'. Mix-xhieda ta' l-appellant stess dan deher car u dehret cara [illegible] r-raguni tar-rifjut. La ta' siehbu ma kella x'taqsam, la tax-'shift' u inqas ta' l-uniformi ghax l-uniformi ma taghmel il-hadd kok. Mix-xhieda deher car daqs il-kristall li dak inhar tal-incident l-appellant ghamel ta' rasu, rrifjuta biex ma shabu jidher li qed izomm il-pont tieghu u ma qaghadx jahseb bizzejjed fuq il-konsegwenzi ta' wara.

9. <u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>. Mill-kumpless tax-xhieda hareg li l-appellant irrifjuta dak in-nhar li jmur jahsel il-borom u ghalhekk kif qal hu stess fix-xhieda tieghu : "Nammetti li rrifjutajt ix-xoghol". Difficli li wiehed jemmen li l-appellant setą' b'xi mod jfiehem dak il-hin ta' l-incident li kienu ser jichdulu li jibqa' jitharreg ghal 'assistant cook' izda hu jghid li fehem hekk. Anki kieku hekk, il-Management kellu kull dritt li jerga' jpoggieh fattiga ghax hu fil-fatt hekk kien ghadu u ta' hekk kien qed jithallas u mhux ta' 'assistant cook'. Minn naha l-ohra wiehed irid izomm f'mohhu li dan kien l-uniku incident li kellu l-appellant zghazugh f'sentejn xoghol li ta lill-Kumpanija. Li zball kien minn naha ta' l-appellant izda wiehed dejjem ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Huwa minnu li dak in-nhar l-appellant webbes rasu izda minghajr ma weza kliem iebes jew mhux xieraq u minghajr ma nsulta l-hadd. L-incident kien serju specjalment mil-lat ta' dixxiplina izda ma kienx wiehed li jimmerita l-piena harxa ta' sensja; izda ta' azzjoni dixxiplinarja inqas gravi, u ghalhekk it-Tribunal wara li ezamina bir-reqqa l-istqarrija tal-partijiet, ix-xhieda li sema' u s-sottomissjonijiet finali, u wara li ha in konsiderazzjoni c-cirkostanzi tal-kaz, jaghti dan l-award:

10. Award : Illi Messrs Adelphi Hotel Ltd. terga' tiehu fl-impieg taghha lil Edwin Zammit fl-istess grad li kien qabel ma gie terminat l-impieg tieghu minn nhar it-Tnejn 19 ta' Novembru, 1979, u li l-perijodu 14 t'Awissu, 1979 sat-18 ta' Novembru, 1979, jghoddlu bhala perijodu ta' sospensjoni minghajr hlas, u b'hekk itemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

G.A. Craig
Chairman

A. Bartolo Parnis
Segretarju

14.11.79

em